MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1418/2001/1

**Il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**-vs-**

**Ivan Formosa u b'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2002 Paul E. Formosa ġie maħtur kuratur ta' l-istess Ivan Formosa li jinsab assenti minn Malta.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-6 ta' Awissu, 2000 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Li in forza ta' kuntratt pubbliku tal-11 ta' Frar, 1994 (Dok. 'A') fl-atti tan-Nutar tal-Gvern Dott. Franco Pellegrini l-konvenut kien irrikonoxxa li l-Gvern ta' Malta kien tah assistenza finanzjarja konsistenti fi ħlas ta' miżati

universitarji *subsistence allowances*, spejjeż għall-ivjaġġar u *study leave* imħallas sabiex l-istess konvenut isegwi kors ta' studju fuq ix-Xjenza Forensika ġewwa l-Universita' ta' Strathclyde fl-Iskozja u assistenza finanzjarja ulterjuri lill-konvenut biex jottjeni l-lawrija ta' *maġisteru* fl-istess materja;

Li l-istess konvenut talab ukoll estenzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja biex jottjeni l-lawrja ta' Dottorat fil-Filosofiji fix-Xjenza Forensika u tali għajnuna ngħatat mill-Gvern ta' Malta li approva wkoll it-talba tal-konvenut biex ikun jista' jkompli l-istudju u r-riċerka tiegħu matul is-sena akkademika 1993 u l-1994 u dan bil-patt u l-kondizzjoni li l-assistenza finanzjarja ulterjuri tingħata lill-konvenut jekk huwa jirreġistra progress fl-istudji tiegħu u skond l-esiġenzi tas-servizz Pubbliku;

Li in forza tal-kuntratt imsemmi l-konvenut irrikonoxxa li din l-assistenza finanzjarja kienet *gia'* ngħatat għall-perjodu bejn Ottubru 1989 sa Settembru 1994, u li l-konvenut kellu jkompli l-istudji tiegħu bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm elenkati;

Li l-konvenut in forza ta' l-istess kuntratt pubbliku msemmi obbliga ruħu li jkompli l-istudji fl-esteru u meta jtemm l-istudji tiegħu kellu jservi lill-Gvern ta' Malta għal perjodu ta' ħames snin, u dan skond il-kundizzjonijiet u l-obbligi naxxenti mill-*Establishment Code*;

Li l-konvenut ntrabat ukoll li kellu jipprovdi lill-Gvern ta' Malta fit-tmiem tal-kors ċertifikat mill-Universita' ta' Strathclyde l-Iskozja fir-Renju Unit li jikkonferma li l-konvenut segwa u temm b'suċċess l-istudji tiegħu;

Illi l-attur għan-nom tal-Gvern, ħallas is-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm65,993) għan-nom tal-konvenut biex huwa jkun jista' jsegwi l-korsijiet ta' studju msemmija. Illi din is-somma tirrappreżenta ħlas lill-konvenut ta' salarju, vjaġġi bl-ajru, *subsistence allowance* u miżati universitarji għall-perjodu bejn Ottubru 1989 sa Settembru 1995;

Li l-konvenut minkejja li kien jaf li l-Gvern kien daħal biex iħallas il-flus fuq imsemmija bil-patt u l-ftehim illi huwa jsegwi l-istudji tiegħu b'mod sodisfaċenti u jakkwista l-lawrji u ċ-ċertifikati kollha meħtieġa kif miftiehem, huwa naqas li jottempera ruħu ma' l-obbligi li huwa assuma fil-konfront tal-Gvern u abbużivament mingħajr raġuni valida fil-liġi u bi ksur ta' l-obbligi kontrattwali minnu assunti naqas li jikkonkludi b'suċċess l-istudji tiegħu;

Illi bl-aġir tiegħu l-konvenut naqas milli jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li kellu lejn il-Gvern u b'hekk sar obbligat għad-danni sofferti mill-Gvern bħala riżultat ta' l-aġir tiegħu, liema danni jikkonsistu fis-somma fuq imsemmija, u *cioe'* ħamsa u sittin elf, disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm65,993);

Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet minnu assunti skond il-kuntratt pubbliku tal-11 ta' Frar, 1994 fl-atti tan-Nutar tal-Gvern Dott. Franco Pellegrini u b'hekk irrenda ruħu responsabbli għall-ħlas tad-danni riżultanti lill-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm65,993) jew somma oħra verjuri li okkorrendo tiġi likwidata minn dina l-Qorti *in linea* ta' danni kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-30 ta' April, 1997 u tad-9 ta' Settembru, 1997 u bl-imgħax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2003, li permezz tagħha l-kuratur *nomine* eċċepixxa:

1. Illi l-kawża għandha tiġi dikjarata deżerta *stante* t-trapass taż-żmien minn meta ġiet appuntata u n-notifika li fil-fatt sal-lum għadha ma saritx regolarment, liema deżerzjoni hija *di ordine pubblico* u għalhekk mhux qed tiġi bl-ebda mod rinunzjata.

2. Illi fil-mertu t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-esponenti ottempera ruħu mal-kuntratt u l-attur ħa l-benefiċċju tas-servizzi tiegħu.

3. Illi fejn il-konvenut m'otteniex l-Ph.D. dan ma kienx b'responsabbilta' jew ħtija tiegħu.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuratur *nomine* maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża kompriżi l-affidavits, u semgħet il-provi.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Novembru, 2007 u tas-6 ta' Frar, 2008 li permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, l-attur qiegħed jitlob il-ħlas lura ta' finanzjament għal studju li għamel il-konvenut fiż-żmien li kien impjegat miegħu. L-ewwel eċċezjoni tal-konvenut hija dik tad-deżerzjoni billi għaddew iktar minn sitt xhur minn meta ġew preżentati l-atti tal-kawża sakemm ġie notifikat il-konvenut *ossia* missieru li aċċetta l-bandu biex jaġixxi ta' kuratur fil-kawża.

Il-fatt li għaddew iktar minn sitt xhur hu ċar u ma jistax ikun hemm kontestazzjoni għaliex dan jirriżulta mill-atti. Il-Qrati tagħna fil-passat reċenti kellhom diversi okkażjonijiet biex jesprimu ruħhom u jiddeċiedu dwar dan il-punt u

kwindi hu relattivament faċli għal din il-Qorti li tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Kawża deċiża fil-31 ta' Jannar, 2003 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et għandha titqies fil-fehma tal-Qorti bħala *leading case* fil-materja. Il-Qorti ta' l-Appell f'din is-sentenza tat rendikont tal-*mens legis* ta' l-istitut tad-deżerzjoni u anke l-istorja ta' kif il-Qrati nterpretaw l-artikli relevanti.

Kif *gia'* ingħad il-konvenut ġie notifikat biċ-ċitazzjoni kif ġiet korretta iktar minn sitt xhur wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni u l-artiklu in kwistjoni 963 (1) tal-Kapitlu 12 jipprovdi li kull kawża għandha tiġi magħluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur. Il-punt in kwistjoni huwa allura meta kellu jitqies dan it-terminu perentorju mpost mil-ligi u x'għandu jiġi kunsidrat mill-Qorti fl-applikazzjoni ta' dan it-terminu.

Is-sentenza msemmija tgħid illi:

"*Minkejja dak li tgħid il-liġi tal-proċedura u tenut kont ta' kif żviluppat dik il-parti tal-proċeduri rigwardanti x-xorta ta' att li bihom setgħu jinbdew azzonijiet u kawżi ġudizzjarji, jiġifieri b'mod inqas formalistiku u iżjed sommarju, il-Qrati tagħna ħassew li fiċ-ċirkostanzi għandhom jagħtu nterpretazzjoni iktar wiesa' iżda ġusta ta' dan is-subartikolu (2) ta' l-Artiklu 963 tal-Kapitlu 12, u dan biex ma tinħoloqx xi forma ġdida ta' nġustizzja fejn ċertament ma hemmx lokha.*"

Il-Qorti ta' l-Appell qablet mat-teżi ta' l-appellanti f'dik il-kawża (l-atturi) u *cioe'* li billi l-leġislatur ma ddistingwiex bejn il-kawżi li marru *sine die* għaliex ma ngħalqux bil-miktub fiż-żmien stipulat u dawk differiti *sine die* b'digriet tal-Qorti – u għalhekk biex kawża tmur deżerta *ai termini* ta' l-Artiklu 965 tal-Kapitlu 12 trid tkun ġiet ippubblikata bhala tali (*cioe'* differita *sine die*).

Il-Qorti ta' l-Appell fl-istess jum tat sentenza oħra fl-ismijiet Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Limited fejn qalet hekk:

"*Għalhekk l-espressjoni "għandha titqies" fl-Artiklu 963 (5) (a) ma tistax tingħata ntepretazzjoni iktar wiesa' minn dik mogħtija mil-leġislatur. Kawża quddiem Qorti ta' l-ewwel grad li l-proċeduri bil-miktub ma jiġux magħlqa fiż-żmien perentorju msemmi fis-sub-artikolu (1) ta' l-Artiklu 963 bħala x'hiex għandha titqies? Ir-risposta hija ċara; għandha titqies bħala (i) kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista tal-kawżi u (ii) kawża li tkun b'ordni tal-Qorti tħalliet sine die. Il-leġislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubbliċita' tal-lista msemmija fis-sub-artikolu (1), (2) u (3) ta' l-Artiklu 964 qabel ikun hemm is-sanzjoni tad-deżerzjoni.*"

Il-Qorti allura kkonkludiet illi:

"*Peress li f'din il-kawża ... ma saritx il-pubblikazzjoni meħtieġa ... ma jistax jingħad li l-kawża marret deżerta.*"

Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma' dawn il-konklużjonijiet u tħoss li din l-interpretazzjoni, apparti l-korrettezza legali tagħha, twassal ukoll għal deċiżjoni ġusta u fil-fatt *gia'* ddeċidiet bl-istess mod fost oħrajn fil-kawża fl-ismijiet Pierre Abela vs G V Xuereb Limited deċiża fl-14 ta' Ġunju, 2006, u Anthony Magri et vs Daniel Magri deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2006. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi respinta.

Fil-mertu mbagħad il-konvenut qiegħed jeċċepixxi li huwa ottompera ruħu mal-kuntratt u għalhekk l-attur ħa l-benefiċċju tas-servizzi tiegħu u li huwa ma ottjeniex il-grad ta' Ph.D mhux bi ħtija tiegħu.

Naturalment il-bażi ta' din l-azzjoni hija waħda kuntrattwali u l-attur qiegħed jallega li l-konvenut ma ottomperax ruħu mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni minħabba żewġ ragunijiet, u *cioe'* li l-konvenut ma temmx l-istudji tiegħu b'suċċess u minħabba f'hekk ma għamilx perjodu ta' ħames snin jaħdem mal-Gvern wara li ttermina

l-istudji tiegħu b'suċċess għas-sempliċi raġuni li huwa qatt ma temmhom kif indikat.

Id-**dictum** *pacta sunt servanda* huwa l-kolonna tad-dritt kuntrattwali tagħna u għalhekk *il-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u hu l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li trid tiġi osservata.* (Appell Ċivili Vol LXXXII – II- 441). *Inoltre meta l-kliem tal-kuntratt hu ċar u univoku ma hemmx lok għal interpretazzjoni.* (Artiklu 1102 tal-Kapitlu 16).

F'dan il-każ il-partijiet ftehmu illi l-konvenut "*shall return to Malta on completion of the studies and after having sat for the examinations in relation to the said course and thereafter the said Ivan Formosa is to serve the Government for a period of five years.*" Il-konvenut *ex admissis* ma rnexxilux itemm dawn l-istudji u kwindi huwa ċar li naqas mill-obbligi tiegħu fir-rigward. Wieħed jista' jaċċetta li kien sfortunat f'dak li ġralu, u *cioe'* li nsteraqlu l-*laptop* li fih kellu x-xogħol miġbur u anke forsi bil-mod li ġie trattat in segwitu, iżda l-fatt hu li kellu ndubbjament itemm il-kors b'suċċess u wara jagħti l-ħames snin xogħol lura – ħaġa li palesament huwa ma għamilx u allura l-attur huwa ġustifikat li jitlob lura l-flus li sborża biex il-konvenut segwa l-kors in kwistjoni. F'kull każ is-sentenzi ċitati mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jagħmluha ċara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol li wieħed irid jaħdem fihom f'Malta m'humiex ġustifikazzjoni biex dak li jiggwadanja minn dawn il-boroż ta' studju ma jikkompletawx iż-żmien indikat fil-kuntratt li għandhom jaħdmu mal-Gvern – senjatament is-sentenza tat-28 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet <u>Tabib Prinċipali tal-Gvern vs Dr. Mario Bonnici</u>.

Fir-rigward tal-*quantum* ma hemmx kontestazzjoni, anzi rriżulta mill-provi li l-ammont minn fuq kien marġinalment iktar minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni, li naturalment huwa dejjem l-ammont illi l-Qorti tista' tordna lill-konvenut iħallas.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta'**

**mija, tlieta u ħamsin elf, seba’ mija, tnejn u għoxrin Euro (€153,722) (ekwivalenti għas-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni) bl-imgħaxjiet kif mitluba li għandhom jiddekorru min-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------